By a decree given by the Courts of Magistrates (Malta) on the application of Deloitte & Touche Limited (C16746) it was ordered the selection of Deputy Curators to represent Astral Industrial Corporation Limited (C32545) in the records of the Notice number 39/06SM and in all other relative and subsequent judicial acts.

Plaintiff: 1, Col. Savona Street, Sliema SLM 07.

You are ordered to inform everyone that should no one come forward within the time stipulated the Court will proceed in order to chose whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform every one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty

eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda ta' Dott. Silvio Meli, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 20 ta' Frar 2006.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 28 ta' Marzu 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Courts of Magistrates (Malta) with the witness of Dr Silvio Meli, Doctor of Laws, Magistrate of the above mentioned Court.

Today 20th February 2006.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 28th March 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civili Courts and Tribunals

518

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tat-12 ta' Jannar 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Lloyds (Malta) Limited bħala rappreżentanti ex lege għannom tal-membri ta' Lloyds li jifformaw is-syndicates binnumri 1245, KLN0510, 0807, 0727, (dokument A) u Rausi Insurance Agency Limited ta' G. B. Buildings, 28, Triq il-Watar, Ta' Xbiex ippreżentaw Talba fis-27 ta' Ottubru 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Joseph Zammit ta' Blokk P, Flat 6, Qasam Ħal Tmiem, Żejtun u Anthony Sant ta' Blokk 7, 30, Flat 1, Triq Wiġi Rosato, Bormla, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmien mija u wieħed u erbgħin lira Maltija u ħdax-il ċenteżmu (Lm841.11) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi rigward inċident awtomobilistiku li ġara fit-22 ta' Frar 2004 fl-Imsida.

Il-kawża (1127/04JB) hija differita għall-21 ta' April 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 28 ta' Marzu 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 12th January 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Lloyds (Malta) Limited as representatives ex lege for and on behalf of the members of Lloyds that form the syndicates with numbers 1245, KLN0510, 0807, 0727 (document A) and Rausi Insurance Agency Limited of G.B. Buildings, 28, Triq il-Watar, Ta' Xbiex filed a Claim on the 27th October 2004 whereby they asked the Tribunal to condemn Joseph Zammit of Block P, Flat 6, Qasam Ħal Tmiem, Żejtun and Anthony Sant of Block 7, 30, Flat 1, Triq Wiġi Rosato, Cospicua, to pay the plaintiff company the sum of eight hundred and forty one Maltese liri and eleven cents (Lm841.11) which amount is due to the plaintiffs company due to car accident that happened on the 22nd February 2004 at Msida.

The case (Claim Number 1127/04JB) is put off on the 21st April 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 28th March 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

519

Ikun jaf kulħadd illi Bord li Jirregola l-Kera permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Frar 2006, fl-atti tar-Rikors numru 91/2004, fl-ismijiet Brincat Helen et vs Carant Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Carant Limited, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Helen Brincat, Thomas Mallia, Josephine

It is hereby notified that the Rent Regulation Board by means of a decree given on the 13th February 2006, in the records of the Application number 91/2004, in the names Brincat Helen et vs Carant Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Carant Limited, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the Rent Regulation Board in the names Helen Brincat, Thomas Mallia, Josephine

Baldacchino, Carmen Tonna, Pauline u Mario aħwa Mallia, John Baldacchino u Maria Bernardette Brigar vs Carant Limited, ir-rikorrenti esponew bir-rispett;

Illi huma jikru lis-soċjetà ntimata l-fond numru 21 illum 39, Main Street, Birikirkara, bħala ħanut kummerċjali versu l-kera ta' Lm66 fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem l-aħħar skadenza għalqet fit-12 ta' Frar 2003;

Peress illi l-imsemmi fond m'għadux jintuża bħala ħanut u cioé m' għadux jintuża għall-iskop orġinarjament pattwit u difatti ilu jinżamm magħluq għal dawn l-aħħar snin;

U peress inoltre li l-kera relattiva ilha snin twal ma tiħallas nonostante li s-soċjetà intimata ġiet interpellata tagħmel dan ma' kull skadenza;

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan il-Bord jogħġbu għar-raġunijiet premessi jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-fond preċitat cioé 21, Main Street, Birkirkara u kwindi tordna lis-soċjetà intimata tiżgombra l-barra minnu fi żmien qasir u perentorju ffissat minn dana l-Bord.

Rik. Marvin House, Triq K. Galea Street, Birkirkara (ID 360824M).

Int: 39, Main Street, Birkirkara

Ir-Rikors Numru 91/2004, hawn fuq imsemmi, fl-ismijiet Brincat Helen et vs Carant Limited, jinsab differit għad-29 ta' Mejju 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Marzu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Baldacchino, Carmen Tonna, Pauline and Mario, sister and brother Mallia, John Baldacchino and Maria Bernardette Brigar vs Carant Limited, the applicants pleaded with respect;

That they grant on lease to the respondent company the premises number 21 today 39 Main Street, Birkirkara, as a commercial shop towards the rent of Lm66 per annum payable every year in advance, the last instalment was due on the 12th February 2003;

Whereas the said premises is no longer used as a shop, that is it is no longer used for the purpose originally agreed and infact it has been closed for these last years;

And whereas the relative rent has not been paid for a long time notwithstanding that the respondent company was called upon to do this at every instalment;

Thus the applicants pray with respect that this Board shall for the reasons premised authorize, the applicants to take back possession of the premises mentioned that is 21, Main Street, Birkirkara and thus order the respondent company to vacate from it within a short and peremptory period fixed by this Board.

App. Marvin House, K. Galea Street, Birkirkara (ID 360824M).

Respondent: 39, Main Street, Birkirkara

The Application Number 91/2004 , above mentioned, in the names Brincat Helen et vs Carant Limited, has been put off to the 29th May 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 28th March 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

520

Ikun jaf kulħadd illi l-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Frar 2006, fl-atti tar-Rikors Numru 16/04 JC, fl-ismijiet Saviour u Mandy konjugi Muscat, Juan Muscat, Victor Muscat u Ruth Muscat vs John Mary Magro u Victor Magro għal kull interess li jista' jkollu, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba', fl-ismijiet Saviour u Mandy konjugi Muscat, Juan Muscat, Victor Muscat u Ruth Muscat vs John Mary Magro u Victor Magro għal kull interess li jista' jkollu, ir-rikorrenti Saviour Muscat et, esponew bir-rispett;

It is hereby notified that the Rural Leases Control Board by means of a decree given on the 28th February 2006, in the records of the Application Number 16/04 JC, in the names Saviour and Mandy spouses Muscat, Juan Muscat, Victor Muscat and Ruth Muscat vs John Mary Magro and Victor Magro for any interest he may have, ordered the following publication for the purpose of service of the defendants in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the Rural Leases Control Board in the names Saviour and Mandy spouses Muscat, Juan Muscat, Victor Muscat and Ruth Muscat vs John Mary Magro and Victor Mary for any interest he may have, the applicant Saviour Muscat et, pleaded with respect;

Illi huma jikru r-raba' magħruf bħala ' Ta' Bezzina' limiti ta' 'Alla u Ommu' limiti tan-Naxxar u dana versu l-qbiela ta' żewġ liri (Lm2.00) fis-sena kull Santa Marija u l-prossima skadenza hi fil-15 ta' Awissu 2004.

Illi l-intimat naqas milli jħallas żewġ skadenzi konsekuttivi, anzi qatt ma ħallas qbiela lill-esponenti li ilhom sidien ta' dan ir-raba' għal dawn l-aħħar sitt snin (6) u dana minkejja li l-intimat kien diversament interpellat biex iħallas.

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din il-Bord jogħġobha tawtorizzah jirriprendi l-pussess tar-raba' de quo billi jipprefiġġi lill-intimat terminu qasir u perentorju għall-iżgumbrament tagħhom mill-imsemmija raba' u jekk ikun il-każ jillikwida l-kumpens għall-benefikati talvolta dovuti lill-intimati.

Esponenti: Mascot House, Triq il-Linzjata, Mosta.

Intimat: 'Josvic', Triq l-Imnara, Naxxar.

Ir-Rikors hawn fuq imsemmi numru 16/04 JC, fl-ismijiet Muscat Saviour et vs Magro John Mary et, jinsab differit għas-smigħ għall-5 ta' Ġunju 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba') illum 28 ta' Marzu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That they grant on lease the land known as 'Ta' Bezzina' limits of 'Alla u Ommu' limits of Naxxar and this towards the rent of two liri (Lm2.00) per annum payable every Feast of Saint Mary and the next instalment is due on the 15th August 2004.

That the respondent failed two pay two consecutive instalments, furthermore he never paid any rent to the applicants who have been owners of this land for these last six years (6) and this despite that the respondent was variously called on to pay.

Thus the applicant prays with respect that it he authorized by this Board to take possession of the land de quo by fixing a short and peremptory period so that the respondent vacate the said land and if it be the case liquidate the compensation for the ameliorations which may be due to the respondents.

Applicants: Mascot House, Linzjata Street, Mosta.

Respondent: 'Josvic', l-Imnara Street, Naxxar.

The Application above mentioned number 16/04 JC, in the names Muscat Saviour et vs Magro John Mary et, has been put off for hearing to the 5th June 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts (Rural Leases Control Board) today 28th March 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

521

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Marzu 2006, fl-atti ta' l-Ittra Numru 499/04 MG ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Ittra ppreżentata lir-Reġistratur tal-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja, fit-23 ta' April 2004, Elizabeth-Ann Vella, ta' 31, 'Yeshivah', Triq ir-Rand, Ħ'Attard li hi miżżewwġa lil Abdurrezagh Shushan li jista' jinstab f''Galatae Buildings', Flat 3, St. Luke's Road, G'Mangia, Pietà, infurmat lir-Reġistratur, illi ż-żwieġ ta' bejn il-konjugi tkisser irrimedjabbilment prinċipalment minħabba qerq ipprattikat minn Abdurrezagh Shushan, li żżewweġ lill-mittenti sabiex jikseb il-permess meħtieġ biex jgħix u jaħdem hawn Malta, u kif ukoll minħabba inkompatibiltà ta' karattru u raġunijiet serji oħra li skond il-liġi jagħtu lok għal separazzjoni personali.

…Omissis…

Għaldaqstant il-mittenti qiegħda titlob illi l-Onorabbli

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 8th March 2006, in the records of the Letter Number 499/04 MG ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Letter filed with the Registrar Civil Court Family Section, on the 23rd April 2004, Elizabeth-Ann Vella, of 31, 'Yeshivah', Triq ir-Rand, Attard, who is married to Abdurrezagh Shushan who can be found in 'Galatae Buildings', Flat 3, St. Luke's Road, G'Mangia, Pietà, informed the Registrar, that the marriage between the parties irretrievabley broke down principally due to the deciet practiced by Abdurrezagh Shushan who married the interpellant in order to obtain the necessary permit to live and work in Malta, as well as due to incompatibility of character and other serious reasons which according to law give rise to personal separation.

…Omissis…

Thus the interpellant is asking that it be authorized by the

Qorti Ċivili (Diviżjoni tal-Familja) jogħġobha tawtorizzaha tibda l-proċeduri għall-firda personali minn ma' żewġha Abdurrezagh u dan ai termini ta' l-Artikolu 4 ta' l-Avviż Legali 397 ta' l-2003.

Honourable Civil Court (Family Section) to start procedures for personal separation from her husband Abdurrezagh and this in terms of Article 4 of Legal Notice 397 of 2003.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum, 28 ta' Marzu 2006.

Registry of the Civil Court (Family Section), today 28th March 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

522

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Frar 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali fl-ismijiet Dr. Peter Fenech noe vs Mario Mallia u Motor Omnibus Pool bħala assikuratriċi ta' l-intimat Mario Mallia, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Mario Mallia, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 21st February 2006, in the records of the judicial letter in the names Dr. Peter Fenech noe vs Mario Mallia and Motor Omnibus Pool as insurer of the respondent Mario Mallia, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Mario Mallia, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

In the First Hall Civil Court

Illum 9 ta' Diċembru 2005

Today 9th December 2005

Lil Mario Mallia f'ismu proprju (Gold Medal, Flat E, Triq il-Ħgejjeġ, San Pawl il-Baħar) bil-karta ta' l-identità numru 447358(M) u

To Mario Mallia in his own name (Gold Medal, Flat E, Ħġejjeġ Street, St. Paul's Bay) Identity Card number 447358(M) and

Lil Motor Omnibus Pool bħala s-soċjetà assikuratriċi ta' l-intimat Mario Mallia (43A/2, St. Paul's Buildings, West Street, Valletta VLT 12)

To Motor Omnibus Pool as insurance company of the respondent Mario Mallia (43A/2, St. Paul's Buildings, West Street, Valletta VLT 12)

Bil-preżenti Dr. Peter Fenech, ta' 35-36, Triq l-Arċisqof, Valletta għan-nom u in rappreżentanza ta' l-eredi ta' Janet Laing ta' nazzjonalità skoċċiża, filwaqt li jagħmel referenza għall-ittra uffiċjali datat 26 ta' Lulju 2004 u għall-inċident stradali tal-25 ta' Jannar 2003, quddiem l-għassa tal-Pulizija tal-Qawra fejn b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni ta' l-intimat Mario Mallia, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku waqt li l-istess Mario Mallia kien qed isuq ix-xarabank numru DBY 343 tajjar lill-Janet Laing u ikkaġunalha ġrieħi ta' natura gravi b'konsegwenza li fis-27 ta' Jannar 2003, il-vittma Janet Laing mietet ġewwa t-taqsima tal-kura intensiva ta' l-Isptar San Luqa.

By the present Dr. Peter Fenech of 35-36, Archbishop Street, Valletta in the name and in representation of the heirs of Janet Laing of Scottish nationality, whilst referring to the judicial letter dated 26th July 2004 and the street accident of the 25th January 2003, before the Police Station in Qawra whereby due to lack of thought, carelessness and lack of art or profession of the respondent Mario Mallia, or due to lack of observation of the traffic regulations whilst the same Mario Mallia was driving the bus number DBY 343 ran over Janet Laing and caused her injuries of a grievous nature and as a consequence on the 27th January 2003, the victim Janet Laing died in the intensive therapy unit of St. Luke's.

Għaldaqstant intom mitluba li tersqu għall-ħlas tad-danni kkaġunati mil-intimat Mario Mallia fl-imsemmi inċident u fin-nuqqas kunu avżati li mingħajr ebda pre-avviż ieħor se jiġu istitwiti proċeduri legali kontra tagħkom.

Thus you are bound to come forward for the payment of damages caused by the respondent Mario Mallia in the said accident and failing which be warned that without any other prior notice legal procedures shall be instituted against you.

Għal kull buon fini Motor Omnibus Pool qed tiġi notifikata bħala s-soċjetà assikuratriċi ta' l-intimat Mario Mallia.

For all intents and purposes Motor Omnibus Pool is being notified as the insuring company of the respondent Mario Mallia.

Tant sabiex tirregolaw ruħkom u ma tinkorrux spejjeż inutili.

Bl-ispejjeż u bl-interessi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Marzu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may know how to regulate yourselves and do not incur unnecessary expenses.

With costs and interests.

Registry of the Superior Courts today 28th March 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

523

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-25 ta' Jannar, 2006 fuq rikors ta' HARMSWORTH FRANCIS ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 26 ta' April, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-25 ta' Jannar, 2006 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand FENECH ADAMI DOTT. BEPPE ET NOMINE.

1. Mutur Suzuki li għandu n-numru tar-reġistrazzjoni CYKOX.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 28 ta' Marzu, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 25 January, 2006 on the application of HARMSWORTH FRANCIS, Wednesday, 26 April, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 25 January, 2006 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of FENECH ADAMI DR. BEPPE ET NOMINE.

1. Suzuki motor cycle, registration number CYKOX.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 28 March, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

524

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-25 ta' Jannar, 2006 fuq rikors ta' DIRETTUR ĠENERALI TAX-XOGĦLIJIET ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 26 ta' April, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-25 ta' Jannar, 2006 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand WASTE CONTROL SERVICES LIMITED.

1. Photocopier, Wallunit, Filing cabinet u ħafna affarijiet oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 27 ta' Marzu, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 25th January, 2006 on the application of DIRECTOR GENERAL (WORKS), Wednesday, 26th April, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 25th January, 2006 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of WASTE CONTROL SERVICES LIMITED.

1. Photocopier, Wallunit, Filing cabinet and lots of other similar items.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 27th March, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

525

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili, b'digriet tal-21 ta' Marzu, 2006, ordnat il-korrezzjoni ta' l-Att ta' Twelid ta' Teresa mart Joseph Galea li jġib in-numru 788 tas-sena 1940 fis-sens illi fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom il-missier, u jekk hux ħaj jew mejjet", il-kunjom "Brincat" jiġi kkanċellat u jiġi sostitwit bil-kunjom "Brincau".

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili
Illum, 28 ta' Marzu, 2006.

LORIANNE CAMILLERI
Għar-Reġistratur,
Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 21st day of March, 2006, ordered the correction of the Act of Birth of Teresa wife of Joseph Galea bearing number 788 of the year 1940 in the sense that in the column entitled "Name and Surname of the father, and whether living or dead", the surname "Brincat" be cancelled and substituted by the surname "Brincau".

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
This 28th day of March, 2006.

LORIANNE CAMILLERI
F/Registrar,
Court of Revision of Notarial Acts

526

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fil-25 ta' Jannar, 2006 fuq rikors ta' W.J. PARNIS ENGLAND LIMITED ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, it-3 ta' Mejju, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-25 ta' Jannar, 2006 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand TRAFALGAR BUSINESS LIMITED.

1. Sett tas-salott, gradenza, mejda tonda, coffee machine, u oġġetti oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, it-28 ta' Marzu, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 25th January, 2006 on the application of W.J. PARNIS ENGLAND LIMITED, Wednesday, 3rd May 2006, from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 25th January, 2006 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of TRAFALGAR BUSINESS LIMITED.

1. Sitting-room suite, chest of drawers, round table, coffee machine and other similar items.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 28th March, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

527

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fil-25 ta' Jannar, 2006 fuq rikors ta' ELMO INSURANCE AGENCY LIMITED NOMINE ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, it-3 ta' Mejju, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGH BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-25 ta' Jannar, 2006 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand ZOUALI MOHAMED.

1. T.V. Seleco, Video Recorder Sharp, Stereo 3 in 1 Sharp, u Hifi Set.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, it-28 ta' Marzu, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 25th January, 2006 on the application of ELMO INSURANCE AGENCY LIMITED NOMINE, Wednesday, 3rd May, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 25 January, 2006 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of ZOUALI MOHAMED.

1. Seleco T.V. Set, Sharp Video Recorder, Sharp 3 in 1 Stereo and Hifi Set.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 28th March, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

528

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-25 ta' Jannar, 2006 fuq rikors tad-DIRETTUR ĠENERALI TAX-XOGĦLIJIET ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 5 ta' April, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-25 ta' Jannar, 2006 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin minghand MALLIA RITA.

1. Grand father clock, T.V. tal-kulur, gradenza u oġġetti oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 28 ta' Marzu, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 25 January, 2006 on the application of GENERAL DIRECTOR (WORKS), Wednesday, 5 April, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 25 January, 2006 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of MALLIA RITA.

1. Grand father clock, colour T.V. set, chest of drawers and other similar items.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 28 March, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

529

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fil-25 ta' Jannar, 2006 fuq rikors ta' XUEREB GEORGE ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, il-5 ta' April, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-25 ta' Jannar, 2006 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin minghand MIFSUD ANDREW ET.

1. Vettura Isuzu Trooper ta' kulur abjad, registration number: AND-538.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, it-28 ta' Marzu, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 25th January, 2006 on the application of XUEREB GEORGE, Wednesday, 5th April, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 25th January, 2006 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of MIFSUD ANDREW ET.

1. A white Isuzu Trooper, registration number: AND-538.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 28th March, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

530

Billi Paul Muscat u Jason Muscat ippreżentaw Rikors fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-28 ta' Settembru 2005, (Rikors Numru 650/05, fejn talbu l-ħatra ta' kuratur għal Paul Muscat (Junior)li jinsab assenti minn dawn il-Gżejjer minghajr ma ttieħdu aħbarijiet dwaru.

Kull min ghandhu aħbarijiet li l-imsemmi Paul Muscat (Junior) għadu ħaj mitlub li jagħtihom lir-Reġistratur tal-Qorti

Whereas Paul Muscat and Jason Muscat filed an application in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 28th September 2005, (application Number 650/05) whereby they asked for the appointment of a curator to Paul Muscat (Junior) who ceased to appear in these Islands without any news about him having been received.

Whosoever has any news about the said Paul Muscat (Junior) is required to communicate to the undersigned

Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) sabiex din il-Qorti tkun taf bihom fi żmien xahar li jibda jgħodd minn dik il-ġurnata li jinħareġ dan l-editt fil-Gazzetta tal-Gvern.

B'ordni tal-Qorti fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 29 ta' Marzu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registrar of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) for the information of the said Court within one month from the day of the publication of the edict in the Government Gazette.

By order of the Court.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 29th March 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

531

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Diċembru 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 653/05 JRM, fl-ismijiet Cake Masters Ltd vs H.P. Cole Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Permezz ta' Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, il-Ħamis 20 ta' Ottubru 2005, il-kawża Ċitazzjoni Numru 653/2005 JRM, fl-ismijiet Cake Masters Limited (C 23518) vs H. P. Cole Limited (C 20) ġiet imqiegħda fil-lista tal-kawżi li għandhom jinstemgħu nhar il-Ħamis, 12 ta' Jannar 2006, Awla 13, fl-10.00 a.m.

Notifika: H.P. Cole Ltd,
65, Marina Street, Pietà.

B'ordni tal-Qorti tat-12 ta' Jannar 2006, il-kawża hawn fuq imsemmija ġiet differita għal nhar l-Erbgħa 8 ta' Frar, 2006 fl-istess ħin u għall-istess skop.

B'ordni sussegwenti tat-8 ta' Frar 2006, il-kawża hawn fuq imsemmija ġiet differita għan-notifika ta' l-Avviż tas-smigħ, għall-25 ta' April 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Marzu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 14th December 2005, in the records of the Writ of Summons Number 653/05 JRM, in the names Cake Masters Ltd vs H.P. Cole Ltd, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Notice of hearing of a cause issued from the Registry Superior Courts, on Thursday 20th October 2005, the case Writ of Summons Number 653/2005 JRM, in the names Cake Masters Limited (C 23518) vs H. P. Cole Limited (C 20) was entered in the list of causes which are to be heard on Thursday, 12th January 2006, Hall 13, at 10.00 a.m.

Notify: H.P. Cole Ltd,
65, Marina Street, Pietà.

By order of the Court of the 12th January 2006, the case above mentioned was put off to Wednesday 8th February 2006, at the same time and for the same purpose.

By a subsequent Court order of the 8th February 2006, the cause above mentioned was put off to the 25th April 2006, at 9.00 a.m., in order that the Notice of Hearing be notified.

Registry of the Superior Courts, today 29th March 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET MIXXELLANJI
MISCELLANEOUS PUBLICATIONS

Bejtiet il-Lingwa – Aspetti tal-Lingwa fil-Folklor Malti	Lm 2.00c
Child Protection – Procedures for Schools	Lm 1.50c
Geological Maps of Malta	Lm 7.00c
Geological Maps of Gozo	Lm 5.00c
Geological Maps of Malta and Gozo	Lm10.00c
Il-Bennej	Lm 3.50c
Il-Ġaħan ta' Binġemma	Lm 2.00c
Il-Ħajja ta' Rużar Briffa – Oliver Friggieri	Lm 1.00c
Il-Miġja tal-Franċiżi f'Malta – Ktejjeb ta' Tifkira 1798-1998	Lm 1.00c
Leli ta' Ħaż-Żgħir – G. Ellul Mercer	Lm 1.00c
Santo Spirito Hospital	Lm 2.00c
Syllabus for the Primary School – Years 4,5 and 6	Lm 1.00c

PUBBLIKAZZJONIJIET STATISTIĊI
STATISTICAL PUBLICATIONS

Agriculture and Fisheries 2002 (CD Rom)	Lm 2.00c
A Window on the World of Work	Lm 2.00c
Abstract of Statistics 2000	Lm 5.00c
Benchmarking Malta in Europe	Lm 3.00c
Children	Lm 3.00c
Culture Statistics	Lm 2.00c
Demographic Review 2003	Lm 3.00c
Education Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 4.50c
Environment Statistics	Lm 4.00c
Household Budgetary Survey	Lm 8.00c
Kultura 2000 - A Survey On Cultural Participation	Lm 3.00c
Malta in Figures 2002 (CD Rom)	Lm 2.00c
National Accounts of the Maltese Islands 1999	Lm 3.00c
Shipping and Aviation Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 4.50c
Social Protection in Malta - A Statistical Analysis of Social Protection Accounting 1998 – 2002	Lm 4.00c
Social Welfare - Orientated Non-Governmental Organisations - A Statistical Profile 2001	Lm 2.00c
Sports Organisations 2000 – 2002	Lm 3.00c
Survey on ICT Usage in Households 2002	Lm 2.00c
Trade Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 5.00c
Transport Statistics 2004 (CD Rom)	Lm 2.00c

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2005 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Annual Reports of Government Departments – 2004 on compact disc (CD)	Lm 5.00c
CHOGM & State Visit Highlights in pictures on compact disc (CD)	Lm 3.00c
Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998	Lm 1.00c
Code of Ethics for Members of the Judiciary	Lm 1.00c
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80c
Diskors tal-*Budget* 2006	Lm 1.00c
Economic Survey 2005	Lm 2.00c
Electoral Register, October 2005	Lm10.40c
Electoral Register, Local Councils, October 2005	Lm39.24c
Estimates 2006	Lm 2.00c
Euro Changeover checklists for Business organisations	no charge
Final Report: Pensions – Adequate & Sustainable	Lm 3.50c
Financial Report 2004	Lm 2.50c
Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements	Lm 1.40c
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	50c
Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq	Lm 1.00c
Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti	Lm 1.00c
Legal Notices and Bye-Laws 2005 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni	Lm 1.00c
Mid-Year Report by the Auditor General – Public Accounts 2004	Lm 1.50c
National Curriculum on its Way – Proceedings	Lm 2.40c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	25c
Performance Audit – Acquisition of Property by Government – Report by the Auditor General	Lm 1.75c
Performance Audit – Department of Consumer Affairs	Lm 1.00c
Performance Audit – Environment Protection Department – Countryside Section	Lm 1.50c
Performance Audit – Government Transport	Lm 1.50c
Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division	Lm 1.75c
Performance Audit – Licensing and Testing Department	Lm 1.50c
Performance Audit – Museums Department – Promoting Heritage Sites	Lm 1.50c
Performance Audit – Managing Procurement – Road Construction and Restoration Projects	Lm 1.75c
Performance Audit – Preventing and Dealing with Pollution from Ships at Sea and Ports	Lm 1.50c
Performance Audit – Quality of Life for the Elderly at St. Vincent de Paul Residence	Lm 1.50c
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00c
Performance Audit – School Transport System – Education Division	Lm 1.50c
Portfolio Assessments	Lm 4.00c
Preliminary Master Plan for the Euro Changeover in Malta	no charge
Public Service Management Code (6th Edition – December 2005)	Lm 7.00c
Rapport Finali – Pensjonijiet: Adekwati u Sostenibbli	Lm 3.50c
Report of the Auditor General – Public Accounts 2004	Lm 1.50c
Risk Management in Government Departments - An Audit Approach	Lm 1.50c
Subsidiary Legislation for the Year 2004	Lm20.00c
The Highway Code	Lm 1.00c
The Press Act	50c
The Registers of the Medical Council (Malta) 2005	Lm 3.00c
White Paper – Pensions Adequate & Sustainable	Lm 4.00c
Work and Activities of the National Audit Office 2005	Lm 1.00c

---

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*